

PARLAMENT EWROPEW

2004



2009

Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija

2006/2059(INI)

14.9.2006

OPINJONI

tal-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija

għall-Kumitat għall-Biedja u l-Iżvilupp Rurali

dwar il-Bijoteknoloġija: prospetti u sfidi għall-agrikoltura fl-Ewropa
2006/2059(INI)

Rapporteur għal opinjoni: María del Pilar Ayuso González

PA_NonLeg

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija jitlob lill-Kumitat għall-Biedja u l-Iżvilupp Rurali, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni li ser jadotta:

1. Jilqa' b'sodisfazzjon il-fatt li s-Seba' Programm ta' Qafas għar-Riċerka jinkludi l-applikazzjoni tal-bijoteknoloġija agrikola għal għanijiet li m'humiex ta' ikel;
2. Hu tal-fehma li l-bijoteknoloġija qed tiftaħ opportunitajiet ġodda, b'mod partikulari f'reġjuni fejn il-produttjoni ta' oġġetti ta' l-ikel agrikoli m'hijiex turi li hi ekonomikament vijabbli.
3. Iqis li r-riċerka ffinanzjata minn fondi pubbliċi għandha tkun ipprovduta b'mod partikulari biex tappoġġja l-attività ta' riċerka u żvilupp (R & D) ta' intrapriżi tal-bijoteknoloġija żgħar.
4. Jagħti l-appoġġ tiegħu lill-proġetti ta' riċerka mfassla biex itejbu l-vijabilità ekonomika ta' l-agrikoltura u tal-prodotti agrikoli li m'humiex ikel (inklużi l-bijofjuwils), u biex itejbu l-produttjoni sostenibbli ta' prodotti ta' l-ikel u l-prevenzjoni tal-mard;
5. Jitlob lill-Kummissjoni biex teżamina l-implikazzjonijiet ekonomiċi, soċjali u ambjentali tal-bijoteknoloġija applikata, sabiex il-prattiki ta' produttjoni bijoteknoloġika u l-prodotti bijoteknoloġiċi jkunu jistgħu jiġu evalwati f'kull stadju, mir-riċerka tal-bidunett sa l-użu aħħari;
6. Ihegġegħ lill-Istati Membri biex jipprojbixxu teknoloġiji li jinvolvu theddida għas-saħħa u għall-ambjent, inkluż l-użu ta' ġeni reżistenti għall-antibijotiċi għall-użu mill-bniedem li jistgħu jiferrxu fl-ambjent.
7. Jappoġġja bil-qawwa t-tnaqqis fl-użu tal-pestiċidi, ta' l-erbiċidi u tal-fertilizzanti permezz ta' l-applikazzjoni tal-bijoteknoloġija, b'referenza speċjali għall-prevenzjoni tat-tixrid tal-mard minħabba reżistenza għall-erbiċidi;
8. Jitlob li oġġetti ta' l-ikel trasġeniċi jsirulhom testijiet obbligatorji qabel ma joħorġu fis-suq, sabiex ikun stabbilit li huma bla periklu qabel ma joħorġu għall-bejgħ;
9. Iqis li l-bijoteknoloġija toffri opportunitajiet eċċellenti biex isir użu aħjar minn materjal ta' skart organiku u mir-riżorsi ta' l-enerġija; jesprimi interess f'riċerka li tfittex li tiskopri varjetajiet ġodda ta' ħxejjex għall-ikel li huma adattati għal kundizzjonijiet problematiċi bħalma huma n-nixfa u t-temperaturi estremi;
10. Jitlob lill-Kummissjoni tagħmel evalwazzjoni tas-sitwazzjoni preżenti ta' l-idustrija tal-bijoteknoloġija Ewropea biex issir diskussjoni dwar il-futur tagħha.

PROĊEDURA

Titolu	Il-Bijoteknoloġija: prospetti u sfidi għall-agrikoltura fl-Ewropa		
Numru tal-proċedura	2006/2059(INI)		
Kumitat responsabbli	AGRI		
Opinjoni mogħtija minn Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	ITRE 16.3.2006		
Koperazzjoni aktar mill-qrib - data tat-tħabbir fis-seduta plenarja			
Rapporteur għal opinjoni Data tal-ħatra	María del Pilar Ayuso González 20.3.2006		
Rapporteur għal opinjoni preċedenti			
Eżami fil-kumitat	3.5.2006	20.6.2006	12.9.2006
Data ta' l-adozzjoni	12.9.2006		
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 38	-: 3	0: 1
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	John Attard-Montalto, Šarūnas Birutis, Jan Březina, Philippe Busquin, Jerzy Buzek, Pilar del Castillo Vera, Giles Chichester, Den Dover, Lena Ek, Nicole Fontaine, Adam Gierek, Norbert Glante, Umberto Guidoni, András Gyürk, Fiona Hall, David Hammerstein Mintz, Rebecca Harms, Erna Hennicot-Schoepges, Ján Hudacký, Romana Jordan Cizelj, Anne Laperrouze, Eluned Morgan, Reino Paasilinna, Aldo Patriciello, Miloslav Ransdorf, Vladimír Remek, Herbert Reul, Mechtild Rothe, Paul Rübig, Andres Tarand, Britta Thomsen, Patrizia Toia, Catherine Trautmann, Claude Turmes, Dominique Vlasto		
Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali	María del Pilar Ayuso González, Daniel Caspary, Neena Gill, Cristina Gutiérrez-Cortines, Edit Herczog, Lambert van Nistelrooij, Vittorio Prodi		
Sostitut(i) skond l-Artikolu 178(2) preżenti għall-votazzjoni finali			
Kummenti (informazzjoni disponibbli b'lingwa waħda biss)			